MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 56/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Portelli)**
**(Spt. Alfred Mallia)**
**Vs**
**Michael Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar is-27 ta’ Gunju, 2005 f’xi hin bejn is-12.45 p.m. u s-1.45 p.m. waqt li kien Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta’ LM20 fi flus kontanti mill-fond bl-isem “Felice Pharmacy” li huwa sitwat fi Triq is-Santwarju, Zabbar, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi LM 100 izda li ma jeccediex LM 1000 u dan sar ghad-detriment ta’ Alan John Sammut u/jew persuni ohra.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobbli, liema hsara teccedi l-LM50 izda inqas minn LM 500, u dan ghad-dannu ta’ Alan John Sammut u/jew persuni ohra.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel vjolazzjoni kontra l-projeta` ta’ haddiehor, u cioe` l-propjeta` ta’ Joseph Felice minn M’Scala u/jew persuni ohra.

Irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta Awla C) datata 22 ta’ April 1976, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 20, 31, 261, 263, 267, 278(2) u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfornti tieghu u kkundannatu tnax-il xahar prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tar-raba` akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza w war ali rat l-artikoli 340(d) u 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ddikjarat it-tielet akkuza bhala preskritta u konsegwentement estinta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Frar 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn iddikjarat t-tielet akkuza bhala preskritta u konsegwentement estinta, fejn sabet l-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza w fejn ma sabitux hati tar-raba` akkuza migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement gie liberat mill-istess u tvarjaha fejn din ikkundannatu 12 il-xahar prigunerija w minflok taghtih piena aktar miti u idoneja fic-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

a. Li l-piena erogata hija wahda eccessiva u mhux idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz. Illi l-appellant jissottometti illi fil-kaz odjern il-valur misruq, kif ukoll l-ammont ta' hsara li saret, kienu relattivament minimi. Illi barra minn hekk l-appellant jirrileva li ghalkemm huwa minnu li kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti li l-appellant kiser difrejh mal-gustizzja, dawn l-offizi kienu kollha minimi u kienu jirrisalu ghal aktar minn ghoxrin sena qabel. Illi ghaldaqstant, in vista ta' dan, kif ukoll tal-fatt li r-recediva ma gietx ippruvata fil-konfront tal-appellant, l-appellant umilment jissottometti li kellha tinghata piena aktar miti fic-cirkostanzi tal-kaz.
b. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq suespost, illum il-gurnata l-appellant qabad it-triq it-tajba u rriforma ruhu u qieghed jerga` jipprova jintegra ruhu fis-socjeta`, u dan kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni u s-smiegh tal-kaz. Illi fiz-zmien li sehh li dan il-kaz, l-appellant jissottometti li huwa kellu problema kbira tad-droga. Illi sussegwentement fis-snin ta' wara huwa kien fittex hafna ghajnuna ghal din il-problema, u permezz tal-gwida ta' nies professjonali huwa qieghed jerga` jipprova jintegra ruhu fis-socjeta`. Illi di fatti, l-appellant li ghandu familja, fuq parir professjonali ricentement applika wkoll sabiex jifforma parti minn skema gdida mneddija f'Dicembru 2009 sabiex huwa jkun jista` jsib xoghol, u fil-fatt huwa diga attenda wkoll ghall-interview. Illi ghaldaqstant, huwa ma ghandux jinghata piena karcerarja effettiva, izda piena li turi li l-appellant kien verament hadem hafna sabiex jirriforma ruhu u jerga` jintegra ruhu fis-socjeta`;
c. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq suespost, l-appellant jiddikjara wkoll li jekk jinghata l-opportunita` huwa lest li jidhol f'arrangament mad-derubat sabiex jikkumpensah ta' hsara u telf li huwa ssubixxa w dan kif ser jigi rilevat waqt it-trattazzjoni u smiegh tal-appell odjern.

Ikkunsidrat:

Dan hu Appell limitat ghall-piena peress illi mhix qed tigi kontestata r-responsabilta ta' l-appellant f'dan ir-reat. B'sentenza moghtija fit-tlieta (3) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) l-Qorti tal-Magistrati kkundannat lill-appellant ghal

tnax (12) –il xahar prigunerija wara li sabitu hati ta’ l-ewwel zewg akkuzi u cioe’ illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Gunju ta’ l-elfejn u hamsa (2005) f’xi hin bejn 12:45 pm u 1:45 pm go Felice Pharmacy fi Triq is-Santwarju z-Zabbar ikkommetta serq aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt (100) Lira izda ma jeccedix l-elf (1,000) Lira ghad-detriment ta’ l-Ispizjar Alan John Sammut, kif ukoll illi volontarjament ghamel hsara u gharraq hwejjeg haddiehor liema hsara taccedi l-hamsin (50) Lira izda anqas minn hames mitt (500) Lira ghad-dannu ta’ l-istess Alan John Sammut.

Il-Qorti tal-Magistrati argumentat illi l-appellant kellu precidenti u dan kien wiehed mill-fatturi ‘il ghala ddecidet illi timponi piena karceraja effettiva flokk xi piena ohra. Kien ghalhekk illi quddiem din il-Qorti l-appellant argumenta illi dawn il-precedenti jirrizaru ghal zmien twil ilu huma ta’ natura zghira - l-ahhar kundanna tmur lura ghan-nineteen ninety six (1996) u minn dak iz-zmien ‘l hawn dejjem gab ruhu sew u ma kienx hemm ghalfejn tigi mposta piena effettiva meta kien hemm l-ghazla ta’ wahda sospiza.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali jirribatti illi dan ir-reat sar fl-elfejn u hamsa (2005). Minkejja l-provi skjetti li kien hemm kontra l-appellant dana qatt ma ammetta u kellhom jitqabbdu esperti forensici bi spejjes konsiderevoli bi procedura illi hadet fit-tul. Terga u tghid il-Qorti mponiet il-minimu illi setghet taghti peress illi bl-aggravji illi kien hemm, l-appellant kien qieghed jinfaccja piena kalcerarja sa massimu ta’ tliet (3) snin.

Ikkunsidrat:

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha (Il-Pulizija kontra Carmelo Schembri Appell Kriminali tmienja u ghoxrin (28) ta’ April, 1995). Kif ga nghad ghal dak li jirrigwardja l-provi ma hemmx diskussjoni u l-appellant ammetta r-responsabilta

tieghu f'din is-serqa. Ghalhekk zgur ghal dak illi huwa deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi, mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati.

L-istess jinghad ghal dak li jirrigwardja l-piena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fl-Att (Republika vs David Vella erbatax (14) ta' Gunju, 1999).

L-unika raguni illi l-appellant gab 'il ghaliex kellha tinbidel u tigi varjata l-piena mposta mill-ewwel Qorti kienet illi dan ir-reat jirrizali ghal xi zmien ilu u minn dak iz-zmien l-hawn dejjem gab ruhu sew. Dana jista jkun, u j'Alla jkun hekk, pero' l-izball sar, il-hsara saret u r-riparazzjoni trid issir. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali l-piena nflitta hija fil-minimu taghha u la l-ewwel Qorti fid-deskrizzjoni taghha u bl-argumenti kollha li kellha quddiema u l-provi deherilha li kellha timponi piena karcerarja effettiva, ma jidhirx illi din il-Qorti ghandha tikser dik id-deskrizzjoni u timponi piena differenti. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichadd l-Appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------